MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Numru 467/1997

**Il-Pulizija
(Assistent Kummissarju Paul Debattista)**

**v**

**Frank sive Frankie Barbara 41 sena,
bin Joseph u Inez nee Muscat, imwieled
Gzira (20/02/1956) u joqghod Blk H,
Flat 15, Triq il-Lellux, Santa Lucija
detentur tal-karta tal-identita' bin-numru
141256 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Frank sive Frankie Barbara li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar disgha xhur qabel is-17 ta' Gunju, 1997

b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

(1) bhala ufficjal jew impjegt f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li kien imiss skond il-ligi bi ksur ta' l-artikolu 112 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraqhom bi ksur tal-artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn xihaga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat bi ksur tal-artikoli 293 u 294 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor bi ksur ta' l-artikolu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(5) Bi hsara ta' haddiehor, ghamel qligh b'qerq bi ksur tal-artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(6) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra

awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi KAP 101

(7) Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ikkommetta reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi bi ksur tal-artikolu 141 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali skond liema hemm mahsub li tista' tinstab htija u cioe:

112, 127, 293, 294, 308, 309, 310 u 533 tal-Kapitlu 9.

Rat li l-imputat fis-seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006, darba li gew moqrija l-artikoli ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji. B'dan illi fl-istess seduta (l-ahhar qabel l-ghoti ta' din is-sentenza) l-Avukat Difensur, anzi l-partijiet qablu li jibqghu jistriehu fuq il-provi gia migbura.

Rat ukoll il-kontrordni ta' l-Avukat Generali fir-rigward tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet precedentement il-provi kollha.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi jirrizultaw is-segwenti fatti:

Illi l-imputat Frankie Barbara fi zmien ta' l-imputazzjonijiet kien membru tal-Korp tal-Pulizija.

Illi fil-kors ta’ dan iz-zmien waqt li kien stazzjonat gewwa l-Ghassa tal-Hamrun (pero’ mhux biss) is-Surgent Barbara, cioe l-imputat kien involut min-naha tad-distrett, fi speci ta’ skwadra kontra d-droga.

Illi matul dan iz-zmien li kien stazzjonat l-Ghassa tal-Hamrun, is-Surgent Barbara, kien jircevi hlas fir-rigward ta’ respite warrants. Hu, flimkien ma’ xi membri ohra tal-Korp, anke fuq struzzjonijiet tieghu, kienu jirrilaxxaw temporary receipts fir-rigward ta’ tali hlas.

Irrizulta wkoll:

- Illi mhux dejjem inhargu jew inghataw rcevuta ta’ dan il-hlas lit-terz mill-imputat.
- Illi almenu f’okkazjoni wahda dana ex admissis, vide stqarrija (fol 55) l-imputat anke sarraf cheque li kien indirizzat lill-Kummissarju tal-Pulizija. Jirrizulta wkoll illi l-imputat anke rceva flus biex minhabba l-kariga tieghu jaghmel pjaciri lil terzi, liema pjaciri fil-fatt qatt ma saru (dwar transfer ta’ karozza tal-kiri, u hlas ta’ permessi tal-hwienet).

Illi fil-fatt l-atti processwali huma karatterizzati b’numru konsiderevoli ta’ temporary receipts relatati ma’ pagamenti li saru fil-konfront ta’ respite warrants mahruga mill-Qorti ta’ multi mhux imhallsa. Kif jidher car u kif ben irrizulta dawn it-temporary receipts gew mahruga maggorment mill-akkuzat Barbara lit-terzi li marru jhallsu ghandu l-multi li taghhom inhargu r-respite warrants. Fil-fatt jirrizulta mill-atti illi gewwa l-Ghassa tal-Hamrun inholqot prassi li r-respite warrants minflok jithallsu kif suppost il-Qorti jithallsu gewwa din l-Ghassa u solitament mhux dejjem, bhal fil-kaz ta’ Fabio Psaila fost ohrajn, tinhareg temporary receipt.

Oltre dan pero’ u ghar minn hekk il-fatt illi apparti ghall-fatt li l-imputat kien jircevi dawn it-tip ta’ pagamenti, huwa ma kienx pero’ jsegwi l-istess billi jassigura li dawn il-flus jaslu l-Qorti kif suppost.

Ghandu jigi fil-fatt premess li l-pagament ghal dawn ir-respite warrants qatt ma hu dovut lill-Kummissarju tal-Pulizija pero' huma multi mahruga lill-Qorti u ghallhekk hekk dovuti in kwantu din hija l-Awtorita' Kompetenti.

Illi fil-fatt gew esebiti zewg dokumenti fil-kors ta' din il-kawza Dok KA a fol 212 u Dok RQ a fol 383 li juru ben car dawk il-multi li baqghu ma thallsux lill-Qorti. Harsa lejn ix-xhieda kollha li ngabu ghandu jirrizulta li fil-maggor parti dawn il-multi ngabru mill-imputat fil-maggor parti hareg temporary receipt pero' qatt ma sar hlas kif kien dovut lill-Qorti.

Ghandu jigi premess ukoll li dawn ir-respite warrants li taghhom ingabar il-hlas instabu fil-pussess ta'l-impuat u cioe fl-ufficju teighu. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni instab ukoll fis-safe ta' l-istess ufficju qratas li fl-opinjoni ta' Supt. P. Debattista aktarx fihom kellhom tracci ta' eroina. Jirrizulta mix-xhieda prodotta illi fil-fatt dan is-safe ghalkemm kien verament fl-Ghassa tal-Hamrun, kellu taht il-kontroll ta' l-imputat Barbara, fil-fatt kellu c-cavetta tieghu l-istess imputat. Tant li kif jirrizulta mix-xhieda tal-llum AC Debattista l-istess imputat intalab u fetah hu l-istess safe.

Mistoqsi dwar dawn il-qratas, l-imputat ta zewg verzjonijiet differenti. Infatti jghid fl-istqarrija li rrilaxxa tas-6 ta' Awissu, 1997, fol 62 illi kien sar rapport l-ghassa ta' Rahal Gdid koncernanti droga, jghid li kien zam dan it-trab misjub go flixkun biex jekk jinqala' xihaga jkun jista' jghid fejn instab (a fol 64).

Sussegwentement izid illi fir-rigward tat-trab li nstab gol-qratas, dan kien ittiehed mis-Scene of Crime Officers. Jghid imbaghad li dan il-kaz gara f'Santa Lucija f'area li tissejjah Ta' Garnaw.

Pero' mill-atti processwali l-ebda wahda miz-zewg spezzjonijiet moghtija mis-Surgent Barbara ma ssib konfort, tant li fil-fatt fiz-zewg sejbiet, b'mod specjali fl-atti

ta'l-inkjesta l-prezenza tieghu hija ghal kollox eskluza (vide PV a fol 213).

Jibqa' ghalhekk ferm misterjuz il-prezenza ta' din is-sustanza fis-safe ta' Barbara. Per parentesi mir-rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud appositament nominat irrizulta li s-sustanza misjuba fis-safe ta' Barbara kienet eroina.

Ikkonsidrat

Illi r-reati addebitati lil Frankie Barbara huma dawk ta' misapproprjazzjoni indebita, frodi u pussess ta' eroina b'aggravji relattivi, inkluz ghall-fatt li Frankie Barbara huwa ufficjal pubbliku.

Illi tibda din il-Qorti biex tezamina r-reat taht l-artikolu 308, 309 tal-Kaptilu 9 cioe dak ta' frodi.

Illi ghandu ragun l-Avukat Difensur li hawn manca l-element essenzjali kostituttiv tar-reat in dizamina u cioe l-messa in xena, il-kreazzjoni ta' grajja kimerika li tinduci ghall-qerq. Fil-fatt kif ben issottometta fit-trattazzjoni tieghu l-Avukat Difensur, ebda pagament ma sar ghax it-terz gie ndott biex jaffetwa l-istess b'xi ingann. Il-pagamenti saru biex jigu sodisfatti respite warrants u permessi li verament ezistew. Dawn ma kinux invenzjoni ta' Barbara. Lanqas il-pagament ta' xoghol extra tal-Pulizija dovut lill-Kummissarju ma kien xi rizultat ta' xi messa in xena. Hija l-fehma ta' din il-qorti ghalhekk illi anke jekk dawn il-flejjes certament ma kinux dovuti lil Barbara, pero' ma gewx ghandu rizultat ta' qerq u ghalhekk ghandu jigi liberat mir-reati lilu attribwiti taht l-artikolu 308, 309 bl-aggravanti taht l-artikolu 310 ilkoll tal-Kapitlu 9.

Kif gia premess Frankie Barbara gie addebitat ukoll bir-reat taht l-artikolu 293 u 294 tal-Kapitlu 9 u cioe dak ta' misapproprjazzjoni ndebita.

Issa anke jekk il-Qorti tasal biex taccetta t-tezi tad-Difiza u cioe li l-hrug ta' temporary receipts kienet prassi accettabli u spissa, tant li kienet prattikata kif ben issolleva

l-Avukat Difensur minn kunstistabbli ohra, pero' l-flus hekk ircevuti gew mghoddija bi skop wiehed u uniku. Kull min mar ihallas il-multi l-ghassa mar biex jevita li jigi arrestat minhabba nuqqas ta' hlas ta' multa ordnata mill-Qorti. Huwa ovvju ghalhekk li l-flus li gew fdati jew sussegwentement ikkonsenjati lil Barbara (ghax ircevuti minn haddiehor) gew ghandu biex hu jhallas il-multi tar-respite warrants lill-Qorti ghax lil din l-Awtorita' jappartjenu.

Certament ghalhekk l-azzjoni ta' Barbara tissodisfa r-rekwiziti tar-reat taht l-artikolu 293 tal-Kapitlu 9, dan anke fejn jirrigwarda tisrif ta' cheques mahruga lill-Kummissarju tal-Pulizija u flus li rceva minghand Ernest Vella biex jirrangalu fuq tliet karozzi tal-kiri (vide log books esebiti f'dan ir-rigward). Illi certament ukoll illi in vista tal-kariga okkupata minn Barbara fiz-zmien tar-reat in dizamina dan ir-reat huwa prosegwibbli ex officio ai termini ta' l-artikolu 294 tal-Kapitlu 9. Tqis ukoll minhabba l-azzjonijiet ta' l-impuat bhala pruvati r-reati kkontemplati taht l-artikolu 112 u 127 tal-kapitlu 9, b'dan pero' illi tqishom bhala assorbiti fir-reat principali taht l-artikoli 293, 294 tal-kapitlu 9.

Illi jibqa' ghalhekk biex jigi diskuss il-pussess tas-sustanza eroina ghand l-impuat Barbara. Kif gia premess hu ta zewg spjegazzjonijiet differenti ghala zamm fil-pussess tieghu din id-droga, pero' l-ebda wahda minnhom ma reggiet mill-provi prodotti. Ghandu ragun l-Avukat Difensur meta tratta li diversi Ufficjali tal-Pulizija jkollhom fil-pussess taghhom droga maqbuda fil-kors ta' investigazzjoni u/jew Inkjesta Magisterjali, pero' l-pussess ta' tali sustanza sa hawn huwa limitat.

Huwa veru li ma tressaq ebda provi inkriminatorji kontra l-imputat li setghu jissuggerixxu xi uzu illecitu ta' din is-sustanza. Pero' taht il-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-pussess innifsu bla debita awtorizzazzjoni huwa bizzejjed biex jikkostitwixxi reat. A vantagg ta' l-imputat pero', mir-rizultanzi tar-rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud, l-ammont misjub kien ta' "ticpis ta' trab kannella" (a fol 4 tad-Dok MM), ghalhekk ammont irrisorju.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 112, 127, 293, 294 tal-kapitlu 9 qed issib lil Frankie Barbara hati ta' l-istess. Issibu wkoll hati taht il-Kapitlu 101 war li d-dispozizzjonijiet 4 u 6 ta' l-imsemmi Kapitlu u r-regolamenti 292 tas-sena 1939, rat ukoll l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-kapitlu 101.

Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9. Semghet il-fatt illi l-akkuzat kien ghal tul ta' zmien taht kura minhabba depression, dan anke kfi jirrizulta mir-rapport tal-psikjatra Dr George Debono (a fol 34 Dok GD).

Illi qieset ukoll it-tul taz-zmien li hadet din il-kawza, mis-sena 1997 u ghalhekk ghalkemm sabet htija kif premess tqis li Frankie Barbara m'ghandux isofri habs effettiv.

Rat ukoll il-fedina penali tieghu li fiz-zmien esebita kienet ghal kollox netta. Verament il-pozizzjoni okkupanti mill-imputat fiz-zmien tar-reat tirrendi l-agir tieghu aktar gravi, pero' gia tqis pesanti l-piena tassattiva taht l-artikolu 127 tal-kapitlu 9 u cioe dik ta' interdizzjoni generali u perpetwa. Rat ghaldaqstant l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 u qeghda tikkundanna lil Frankie Barbara ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin.

Tordna li jigi interdett b'mod generali u perpetwu. Rat ukoll l-artikolu 10 tal-kapitlu 9 u tordna illi din is-sentenza tigi trasmessa lir-Registratur tal-Qorti ghad-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat ukoll lil Frankie Barbara l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti taht l-artiklu 28A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------